# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 760/94**

**Numru 33**

**Ignatius Licari fil-kwalita' tieghu bhala stralcjarju ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Victor Estates Co Ltd**

**vs**

**Eileen Grech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li tizgombra fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti mill-fond "Jacqueline House" Ghosts Street, Hamrun propjeta' tal-attur nomine, liema fond il-konvenuta qeghda tokkupa bla ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza, jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-imsemmi fond ma jeccedix il-mitejn u hamsin lira (Lm250) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet (a fol 6 tal-atti):

1. Illi din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tiddeciedi din il-kawza;

2. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, l-konvenuta tecepixxi illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li qed tokkupa il-fond in kawza b'titolu validu fil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu 1995 (a fol 9 ibid) minn fejn jidher li giet irtirata l-ewwel eccezzjoni u li l-Qorti kif diversament presjeduta, filwaqt li investiet il-provi, ordnat "lill-konvenuta tibda bil-provi taghha".

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta (fol 79 tal-atti kif ukoll fol 76, 77 u 78 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi prodotti mill-konvenuta specifikatament a) l-istess konvenuta (fol 10, 26 u 40 et seq ibid), b) Edward Collins, kugin tal-istess konvenuta billi hu bin iz-zija taghha Antonia Collins (Fol 18 u 19 tal-atti), c) Anthony Grech bin il-konvenuta (fol 20 u 21 ibid), d) Joseph Micallef (fol 28 ibid), e) Doris Micallef (fol 29 ibid) jidher illi:-

1) Il-konvenuta , fiz-zmien in kwistjoni, kienet separata almenu "de facto", minn zewgha Walter Grech u, "xi tlett snin ilu" minn meta xehdet ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti fuq proposta tat-tifel tal-istess zija ossija Edward Collins, hi kienet accettat li tabita flimkien ma binha mal-istess Antonia Collins fil-fond in kwistjoni.

2) Madwar sena' wara li bdiet tabita u tirrisjedi ma zijitha fil-fond in kwistjoni din kienet mietet meta l-konvenuta kienet ghadha tabita maghha.

3) L-istess zija, Antonia Collins kienet l-inkwilina tal-fond in kwistjoni u kienet thallas kera ta' Lm104 fis-sena'. Wara li mietet Antonia Collins, il-konvenuta kienet offriet li thallas l-istess kera li, pero, gie depositat fir-Registru tal-Qorti wara li l-hlas gie rifjutat.

4) A fol 27 tal-istess atti, hemm annessa fotokopja tal-karta tal-identita' tal-konvenuta (Tiswa sa 08.03.95) minn fejn jidher li l-konvenuta kienet tirrisjedi fl-istess post fil-Hamrun.

5) Zewg girien, ossija Joseph u Doris Micallef specifikaw illi l-konvenuta kienet ilha tghix fil-fond in kwistjoni regolarment ghal madwar tlett snin u nofs.

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-attur nomine gew prodotti is-segwenti:

a) Charles Bajada (fol 37 et seq ibid) ex-direttur tas-socjeta' attrici "in liquidation". Dan ikkonferma li l-istess fond gie mikri lil "certa Mrs Collins", illi wara l-mewt ta' din, kienet giet "mara ohra" u informatu li kienet tabita mal-mejta "u riedet il-kera hi" izda hu ma accettax dan. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu, hu allega li "apparentement din kienet toqghod fil-fond imsemmi u telqet minn hemmhekk. Marret toqghod il-Hamrun, wara marret toqghod B'Kara u wara meta Mrs Collinis kienet waslet biex tmut, kienet regghet marret toqghod maghha".

b) Karl Caruana (fol 57 ibid) xehed, bhala rappresentant tal-Kummisjoni Elettorali illi "... bejn Ottubru 1992 u sa Ottubru 1996 din

(il-konvenuta) kienet dejjem tidher fi Triq il-Fatati u d-dar jisimha "Jacqueline" il-Hamrun. In rigward l-istess punt, gie prodott John Caruana (fol 70 et seq ibid) li xehed li bejn April 1992 u Ottubru 1992 l-istess konvenuta kienet bidlet ir-residenza taghha ghall-skop ta' votazzjoni fl-elezzjonijiet generali minn Birkirkara ghall-fond in kwistjoni fil-Hamrun. Inoltre f'April 1998 l-istess Eileen sive Helen Grech kienet ghadha registrata fl-ahhar post imsemmi.

d) Walter Grech (fol 59 et seq ibid) ir-ragel, separat minnha, tal-konvenuta li ikkonferma li martu kienet tabita maz-zija taghha fil-post in kwistjoni.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti jdiher, in sintesi, illi meta mietet l-inkwilina tal-istess fond ossija iz-zija tal-konvenuta, Antonia Collins, l-istess konvenuta kienet tirrisjedi regolarment mal-istess zija. Bhala konsegwenza il-konvenuta ghandha tigi konsiderata bhala persuna protetta taht il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta specifikatament dak li jinghad fl-artikolu 2(b) in rigward definizzjoni ta' kerrej taht din il-ligi specjali. Fl-istess artikoli jinghad li kerrej tfisser ...... (b) fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni , meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk

il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu”.

Illi, bhala konsegwenza, risultanti t-titolu hawn fuq specifikat favur il-konvenuta taht il-ligi specjali citata, ghandha tigi akkolta it-tieni eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-tieni eccezzjoni u tichad it-talbiet attrici kif dedotti mill-avviz in esami bl-ispejjes kontra l-istess attur nomine.

Alan Calleja
Dep.Reg